MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 970/1993/1

**Joseph Sammut ghan-nom u in rappresentanza ta'**
**Joseph Sammut Co.Ltd.**
**Vs**
**Saviour Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur nomine ppremetta u talab hekk:

Peress illi l-konvenut qabbad lis-socjeta' attrici taghmel xogholijiet ta' tibjid, tikhil u xoghol iehor relatat fil-fond tieghu fi Triq il-Mixtla, Attard;

U peress illi l-valur ta' dawn ix-xogholijiet huwa ta' Lm1466 kif spjegat fl-anness kont Dok 'A';

U peress illi l-konvenut qed jirrifjuta li jhallas;

Jghid il-konvenut ghaliex m'ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti jhallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm1466 prezz ta' xoghol fuq indikat ezegwit mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenut;

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-1 ta' Marzu 1993 u bl-imghax legali millum sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li min issa qed jigi ngunt ghas-subizzjoni.

Rat n-nota tal-ecezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi t-talba attrici kif dedotta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li ghalkemm huwa minnu li l-konvenut kien qabbad lis-socjeta' attrici taghmillu xi xoghol go fond tieghu, dan ma sarx skond is-sengha w fil-fatt il-konvenut kellu jqabbad lil haddiehor jirrimedjalu d-difetti fix-xoghol tas-socjeta' attrici;

2. Illi inoltre, s-somma mitluba mis-socjeta' attrici ghax-xoghol imwettaq, anke li kieku dan kien xoghol sew, hija eccessiva;

3. Illi ghalhekk is-somma mitluba mis-socjeta' attrici ghandha tigi riveduta skond ir-rati korrenti w minnhom ghandu, inoltre, jitnaqqas dak l-ammont li thallas mill-konvenut sabiex jirrimedja d-difetti li sab;

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;
Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku l-AIC Renato Laferla minnu debitament mahlufa fl-udejnza tal-5 ta' Novembru 1999[1];
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Fis-sena 1991 il-konvenut kien inkariga lill-attur sabiex jghamillu xoghol ta' tikhil u tibjid, u xoghol relatat, fil-fond

[1] [Fol.177–211]

bl-isem ‘Samliz’ Triq il-Mixla Attard. Inizjalment kien sar ftehim fuq parti mix-xoghol, izda fil-kors tax-xogholijiet il-konvenut inkarga lill-istess attur sabiex ikompli b’ xoghol iehor fl-istess fond. Ta’ dan ix-xgohol l-attur qed jippretendi s-somma globali ta’ Lm1,466. Il-konvenut minn naha tieghu qed jopponi ghal din il-pretensjoni in bazi ghall-fatti sostnut minnu li [1] ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti; [2] l-ammont rikjest huwa eccessiv; [3] huwa kien hallas s-somma ta’ Lm700 lil terzi biex jghamlu xoghol rimedjali.

Id-divergenza principali bejn il-partijiet torigina mill-fatt li, filwaqt li l-attur isostni emfatikament li qabel ma beda x-xoghol originali huwa kien ta lill-konvenut stima ta’ dan ix-xoghol fl-ammont ta’ Lm900; minn naha tieghu l-konvenut isostni bl-istess determinazzjoni li, ghalkemm huwa kien talab u insista mal-attur sabiex jaghtih stima, dana kien f’ kull okkazzjoni jevadi din ir-rikjesta, u fil-fatt stima qatt ma kien tah. Inoltre, filwaqt li l-versjoni tal-attur issib konfort fix-xhieda ta’ l-accountant tieghu, il-versjoni tal-konvenut hija korroborata minn martu.

Illi l-konvenut kien inkariga Perit Richard Aquilina ex parte sabiex johrog kont, tax-xoghol maghmul mis-socjeta’ attrici, fuq ir-rati allura kurrenti fis-suq, kif ukoll stima tal-ispejjez involuti fix-xogholijiet rimedjali. Dan il-perit kkonkluda illi kieku ix-xoghol maghmul sar skond is-sengha u l-arti s-somma dovuta lill-attur nomine kienet tammonta ghal Lm1060[2]; filwaqt li l-ispiza tax-xoghol rimedjali giet inizjalment stmata minnu fl-ammont ta’ Lm506.275[3]. Jigi osservat li l-istima li saret minn dan il-perit tax-xoghol maghmul mill-attur nomine hija bazata fuq il-presuppost li ma kien hemmx lump sum agreement bejn il-partijiet.

Il-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu spjega li fil-fehma tieghu kien jezisti bejn il-partijiet ftehim fis-sens li x-xoghol [originali] kellu jsir versu l-prezz komplessiv ta’ Lm900, u ghalhekk il-punto di partenza fil-konteggi ghandu jkun din

[2] RA/18/1 – Fol.75
[3] RA/18/2 – Fol.78

il-figura, li minnha ghandha tonqos is-somma ta’ L150 spejjez li fil-fehema tal-perit tekniku kienu necessarji sabiex jigu rimedjati d-difetti riskontrati fix-xoghol tal-attur, u mal-bilanc jizdied l-ammont ta’ Lm373 prezz dovut ghal extra works. Il-konvenut huwa ghalhekk obbligat ihallas il-bilanc ta’ Lm1,123.

Illi rigward il-punt jekk bejn il-partijiet kienx jezisti l-ftehim sostnut mill-attur nomine, il-Qorti wara ezami akkurat tal-provi hija propensa li tikkondividi l-konkluzjoni raggjunta mill-Perit Tekniku. Huwa minnu li l-principju governanti dan l-aspett huwa onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat, u li allura huwa l-oneru tal-attur li jipprova tali ftehim allegat minnu; izda fil-fehma tal-Qorti, nonostante li l-allegazzjoni ta’ dan il-fatt da parti tal-attur, tinsab kontradetta mill-konvenut, din il-Qorti, bhal perit tekniku, tikkonsidera ferm inverosimili li min kien daqshekk determinat u insistenti sabiex jottjeni stima qabel ma jinbdew ix-xogholijiet, finalment icedi u jirrinunzja ghal din it-talba tieghu li jkun jaf kemm kien ser jinfoq. Minn naha l-ohra, ma jidhirx li kienet tezisti xi raguni valida ghala l-attur ma jaghtihx stima tax-xoghol involut u cioe’ jghidlu bejn wiehed u iehor kemm ser jigi jiswa jew kemm hemm spejjez involuti. Din wara kollox hija l-prattika u l-usanza f’ materja ta’ appalti, b’ mod partikolari da parti tal-appalltant li, fl-isfond tal-kompetivita’, ikun f’ posizzjoni li jqabbel l-istima ma stima ohrajn moghtija lilu minn kuntratturi ohra. Il-fatt sostnut miz-zewg partijiet li huma kienu fdaw lil xulxin minhabba konnessjoni ta’ parentela, ghalkemm kellu relevanza fil-komputazzjoni tal-istima moghtija mill-attur[4], ma jimmiltax kontra din il-konkluzjoni, stante li kif sostna l-konvenut l-istima huwa rieda sabiex ikun jaf fejn qieghed finanzjarjament. It-tesi tieghu li l-attur kien kostantament jirrifjuta li jghatihielu hija inverosimili u bla bazi, anke jekk jigi kunsidrat il-fatt li l-attur kien ser jinkariga sub appaltatur sabiex jesegwixxu dawn ix-xogholijiet, ghax l-attur bhala bniedem tas-sena u li ilu f’ dan ix-xoghol, zgur li kellu idea pressa e poco kemm ser jigi jswa ix-xoghol.

---

[4] Fil-fatt l-istima ta’ Lm900 irrizultat inferjuri ghax-xoghol maghmul mill-attur nomine skond ir-rati kurrenti, u dana kif iccertifika l-perit tal-konvenut li wasal ghal stima ta’ Lm1060

In vista tal-premess il-Qorti hija tal-fehma li l-attur nomine, fuq bilanc ta’ probabbilitajiet, irnexxielu jipprova l-fatt minnu allegat u cioe’ li kien hemm lump sum agreement li permezz tieghu l-prezz tax-xoghol [originali] kien gie miftiehem fl-ammont ta’ Lm900.

Illi rigward l-ispiza tax-xogholijiet rimedjali minhabba d-difetti riskontrati fix-xoghol maghmul mill-attur, il-Qorti tosserva li, filwaqt li inizjalment il-Perit Aquilina wasal ghall-figura ta’ Lm506.275, il-Perti Tekniku wasal ghall-figura ferm inferjui ta’ Lm150 u dana in bazi ghall-argument tieghu li, gia la darba l-attur nomine kien ftiehem prezz specjali [inferjuri ghal dak bazat fuq ir-rati kurrenti fis-suq], allura bl-istess riga ghandhu jigi kkalkolat l-ammont dovut ghal dawn ix-xogholijiet. Minn naha tieghu l-konvenut ressaq xhieda diretti biex jipprova li l-ispiza ta’ dawn ix-xogholijiet kienet tammonta ghal Lm700.

F’ dan ir-rigward il-Qorti, filwaqt li tirrileva li l-fatt li l-appaltatur kien ftiehem mal-konvenut li jesegwixxi x-xogholijiet bi prezz inferjuri ghal dak bazat fuq ir-rati kurrenti ma jesonerahx mill-obbligu tieghu li jesegwixxi x-xoghol skond is-sengha u l-arti; minn naha l-ohra dan il-fattur ghandu jkollu relevanza fil-komputazzjonijiet tal-ammont li ghandhu jitnaqqas in vista tal-ispejjez tax-xogholijiet rimedjali. Ghalhekk in propositu l-Qorti bl-esercizju tal-arbitriju prudenzjali taghha qeda tiffissa l-ispejjez dovuti mill-attur nomine ghal dawn ix-xogholijiet fl-ammont ta’ Lm350, biex b’ hekk jigi stabbilit bilanc bejn l-interessi taz-zewg partijiet, u tittiehed debita konjizzjoni tal-fatturi involuti.

Illi rigward is-somma ta’ Lm373 stabbilita mill-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu, sostnuta mill-ispjegazzjoni dettaljata hemm indikata, il-Qorti ma thoss li hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed sabiex tiddipartixxi minn din il-konkluzjoni peritali, u ghalhekk qed taccettaha bhala korretta.

Dan premess u kunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li l-ammont dovut mill-konvenut lis-socjeta’ attrici ghandu jkun fis-

somma ta' Lm923, rappresentanti: Lm900 – Lm350 + Lm373 = Lm923.

Illi salv il-premess il-Qorti taddotta l-kumplament tar-relazzjoni tal-perit tekniku.

Rigward l-ispartizzjoni ta' l-ispejjez, il-Qorti tosserva li dawn ghandhom jirriflettu s-segwenti fatturi: [1] li l-eccezzjonijiet tal-konvenut, salv ghall-ammont tas-somma dovuta, irrizultaw provati, stante li rrizzulta li parti mix-xoghol maghmul kien difettuz, il-prezz mitlub kien eccessiv, u li kellhom isiru spejjez ghax-xoghol rimedjali; [2] kif ukoll li l-konvenut kien baghat lill-attur nomine cheque fl-ammont ta' Lm506 ghas-saldu[5] u li ghalhekk kien ppreparat ihallas kwazi nofs is-somma dovuta. Ghalhekk hija tal-fehema li l-ispejjez tar-registru u tal-perit tekniku ghandhom jigu sopportati bejn il-partijiet fi kwoti wguwali bejniethom u l-kumplament jibqghu bla taxxa.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa adozzjoni in parte tar-relazzjoni tal-perit tekniku, tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' disa mija tlieta u ghoxrin lira maltin [Lm923] u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dan l-ammont flimkien mal-imghaxijiet legali mit-22 ta' Dicembru 1993. L-ispejjez tar-registru u tal-perit tekniku ghandhom jigu sopportati mill-partijiet fi kwoti wguali bejniethom, u l-kumplament jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

5 liema cheque ma ssarrafx mill-attur.